TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 8/2028**

Data: Il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 86 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | | Preżenti |
| Is-Sa. Annabelle Marmara | Kunsilliera | | Preżenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | | Skużat |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Eżekuttiv | Segretarju | Preżenti |

**8.1 Ittri ta' apoloġija**

8.1.1 Is-Sindku semma li s-Sur Glenn Urry talan li jkun skużat. Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sur Neil Portelli tniżel bħala skużat.

**8.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 7**

8.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.7 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**8.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 7**

8.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Dasier Damato u s-Sur Neil Portelli ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-20 ta' Diċembru u s-17 ta' Jannar 2025 li kienet tammonta għal €105,076.72.

**8.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 7**

| | |
|---|---|
| **8.4.1 Post vakant fi skala 17 – Gound Supervisor** | Is-Sindku semma li l-Kunsill qed ikompli jilqa' l-applikazzjonijiet għal dan il-post. Semma li ser ikun hemm l-intervisti ta' dawk l-applikazzjonijiet li daħlu mill-Jobsplus. |
| **8.4.2 Bye-Law Leasing tal-Ground 5 a side** | Is-Sindku semma li inġabet l-approvazzjoni tal-Ministru ta' Turiżmu kien issa jonqos direzzjoni mill-Kummissarju tal-Protezzjoni tal-Informazzjoni. |
| **8.4.3 Pjazza Tarxien** | Is-Sindku fakkar li l-proċess kollu ta' Procurment kien qed jiġi mmaniġġjat mill-Infrastruttura Malta dan anki minħabba li l-Kunsill mhux ser ikollu l-ebda spiża finanzjarja f' dan il-proġett. |
| **8.4.4 Enemalta** | Is-Sindku semma li hemm ftehim mal-Enemalta li bankini li jinqgħalu biex jagħddu servizz għandhom jiġu irranġati kollha b' mod immedjat mill-Enemalta stess. |
| **8.4.5 Rivista Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sindku semma li dalqwaqt ser tkun ippubblikata t-tieni rivista. Semma wkoll li ser ikun qed jiġbor xi riklami għal fuq din l-edizzjoni. |
| **8.4.6 Taħriġ – First Aid** | Is-Sindku irringrazzja lill-Viċi Sindku tal-impenn li ħadet sabiex jiġi organizzat it-taħriġ tal-First aid għar-residenti. Is-Sa. Vella semmiet li t-taħriġ kien ta' suċċess u ntlaqa' tajjeb mar-residenti. |
| **8.4.7 Anzjanita' Attiva** | Is-Sindku fakkar li nhar 31 ta' Jannar kien ser jinfetaħ iċ-Ċentru Anzjanita' Attiva ġewwa Dar Nazzaret. Kien |

TARXIEN
Local Council

hemm qbil li jiġi ffirmat l-ftehim mal-Arċipriet sabiex is-sala tkun tista' tintuża mingħajr ħlas kull nhar ta' Ġimgħa bejn 9am u 12pm. Semma wkoll li ser ikun qed jitranġa l-stair lift fejn l-ispejjeż ser ikopruhom l-Anzjanita' Attiva. Is-Sindku semma li hemm bżonn jinxtara televixin bl-istand għall-preżentazzjonijiet kif ukoll boiler tal-misħun u xi affarjiet oħra bħal kikri u plattini.
Is-Sindku semma li hemm taħriġ li ser ikun offrut mingħajr ħlas u sessjonijiet oħra li l-Kunsill irid iħallas għalihom.

**8.4.8 Kappella San Ġużepp**

Is-Sindku irringrazzja lil Madre li mhux biss laqgħat it-talba tal-Kunsill u saret open day iktar kmien fix-xhar ta' Jannar imma wkoll il-kappella qed tkun miftuħa għall-quddies ta' 7:30am kuljum.

**8.4.9 Triq San Anard**

Is-Sindku kif ukoll is-Sur Neil Portelli semmew li għaddejja komunikazzjoni ma' Infrastruttura Malta sabiex qabel jitkomplew x-xogħlijiet issir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti fil-preżenza ta' IM sabiex jiġi spjegat il-pjan propost għal din iż-żona.

**8.4.10 Sfilata tal-Karnival**

Is-Sindku semma li semma li sad-data tal-laqgħa kien għadd m hemmx konferma mid-Dipartiment jekk il-Kunsill kienx ser jieħu l-fondi għall-proposta li sottomessa. Semma li l-arranġamenti mal-iskola saru u l-pjanijiet minħabba l-maskaruni u l-attivitajiet pjanati komplew. Għaldaqsatnt kien deċiż li rrelevanti mir-riżultat tal-iskema, l-Kunsill kien ser ikompli jipjana għal din l-attivita'.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

**8.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.5.1 Is-Sindku semma li kien hemm bżonn jerġa jiġi mġedded il-ftehim ta' kirja ta' garaxx ġewwa Triq Lanzon. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiġi iffirmat dan il-ftehim għal perjodu ieħor.

8.5.2 Is-Sindku għamel referenza għall-ittra mibgħutha mill-Għaqda ta' Nar sabiex mta jkun hemm l-attivita' li fiha joħorġu b' purċisjoni bl-Anġlu ż-żgħir isiru xi irdieden żgħar mad-dawra tal-Ġnien Joanne f' tankijiet tal-konkos. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill approva li dawn jistgħu jsiru.

8.5.3 Is-Sindku preżentenza komunikazzjoni mill-kumpanija RefabLightBlue li tieħu ħsieb it-tbattil tal-bins il-blue li fihom ir-residenti jirriċiklaw il-ħwejjeġ. Is-Sindku propona li dan il-ftehim tal-bins il-blu jerġa' jiġġedded imma il-kontenituri li fihom jinġabar iż-żejt jitneħħew peress li ma kienux qed jiġu imbattla fil-ħin u kienu qed iħamġu ħafna. Kien hemm qbil li wieħed jipproċedi kif propost mis-Sindku.

8.5.4 Is-Sindku irringrazzja lis-Sur Albert Borda li rregala lill-Kunsill disinn ta' Bandalora bl-emblema tal-Kunsill Lokali. Dan id-disinn ġie rregalat lill-Kunsill.

8.5.5 Is-Sindku semma li huwa u s-Sa. Nicole Farrugia kienu bdew jaħdmu fuq Attivita' għal Jum il-Mara. Semma li l-attivita' ser issir nhar 7 ta' Marzu u ser tkun maqsuma fż żewġ partijiet. Filgħodu ser issir Business Breakfast jibda fis-9am bil-parteċipazzjoni ta' diversi nisa prominenti fil-kamp Politiku kif ukoll fil-qasam soċjali. Semma wkoll li ser ikunu mistiedna l-Membri Paralmenatri nisa ta' Distrett. Filwaqt li fis-7:15pm tibda serata ta' premjazzjonijiet għan-nominazzjonijiet sottomessi mill-Għaqdiet ta' nisa li jagħmlu Ġieħ il-Komunita' Tarxiniża. Is-Sa. Farrugia semmiet li qed tikkomunika mal-grupp mużikali Mara sabiex janima s-serata. Kien hemm qbil li din issir fis-Sede Marija Annunzjata.

**8.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

8.6.1 Is-Sa. Darlene Vella talbet li matul l-ewwel kwar tas-sena 2025 issiru l-korsijiet tal-Mental First Aid kif ukoll tal-Food Handling.

8.6.2 Is-Sa. Darlene Vella u s-Sur Dasier Damato proponew li nhar Sibt il-Għid jiġi organizzat Easter Egg Hunt madwar ir-raħal. Kien hemm qbil mill-Kunsill li s-Sa. Vella u s-Sur Damato jaħdmu fuq il-pjan t' attivitajiet u jresqu l-pjan fil-laqgħa li jmiss.

8.6.3 Is-Sur Dasier Damato semma li l-Kunsill ta' tfal kien qed jiltaqa'. Semma li kienu qed jisemmew ħafna punti mid-diskussjonijiet ta' tfal u li huwa ser ikun qed iħejji rapport fil-ġimgħat li ġejjin sabiex jippreżentah lill-Kunsill.

8.6.4 Is-Sur Dasier Damato propona li jibdew issiru sessjonijiet ta' tgħalliem wara l-ħin tal-isola offruti mingħajr ħlas lit-tfal tal-lokal. Semma li dan anki jista' jsir b' kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni St Joanne Antide. Semma li wieħed jikkunsidra l-etajiet varji ta' bejn l-ewwel sena primarja u it-tieni sena sekondarja. Wara qbil mill-Kunsill li din l-inizjattiva għandha tibda, s-Sur Damato semma li ser ikun qed ikompli jaħdem fuq il-pjan għal dan il-proġett u jagħti aktar tgħarif fil-laqgħa li jmiss.

8.6.5 Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li kull sitt xhur ser jibda jkun hemm aġġornament fuq il-lista ta' Cat Feeders dan anki minħabba l-vouchers li jridu joħorġu għall-ikel mill-Ministeru tal-Annimali.

**8.7 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għar-Raba Kwart tas-Sena 2024**

8.7.1 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv preżentaw ir-Rapport Finanzjarju għar-raba' Kwart tas-Sena 2024.

8.7.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, l-Kunsill approva r-rapport kif preżentat.

**8.8 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għas-sena 2024**

8.8.1 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv preżentaw ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2024.

8.8.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondat mis-Sur Dasier Damato, l-Kunsill approva r-rapport kif preżentat. Il-Kunsill irringrazzja x-xogħol u l-impenn ta' kull ħaddiem tal-Kunsill fakakr ukoll ix-xogħol li sar fl-aħħar leġislatura u dak li sar fil-bidu tal-ewwel sitt xhur tal-leġislatura u li l-Kunsill ħadem b' mod effettiv u effiċjenti li dan jirriżulta f' surplus li bih għalaq il-pożizzjoni finanzjarja fis-sena 2024.

8.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv semmeit li nhar 20 ta' Jannar ser ikun qed jibda l-awditjar.

TARXIEN
Local Council

**8.9 Laqgħa Ġenerali Annwali Jannar 2025 u preżentazzjoni tar-Rapport ta' Ħidma għas-sena 2024**

8.9.1 Is-Sindku semma li l-AĠM kien skedat il-Ħadd 12 ta' Jannar. Semma li minkejja li l-Kunsill prova jilħaq ir-residenti maul il-jum tal-Ħadd, dan xorta spiċċa kellu jitħassar peress li wara nofs siegħa ta' stennija ma kien attenda l-ebda resident. Huwa rringrazzja lill-Kunsilliera li kienu preżenti.

8.9.2 Anness mal-Minuti wed jiġi preżentat ir-rapport ta' Ħidma għas-sena 2024 li kien preparat għad-diskussjoni wat l-AĠM. Dokument immarkat Dok A.

**8.10 Preżentazzjoni u approvazzjoni Estimi Finanzjarji għas-sena 2025**

8.10.1 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv preżentaw l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2025.

8.10.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella, l-Kunsill approva r-rapport kif preżentat.

**8.11 Aġġornament**

8.11.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 13 ta' Frar 2025 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Dok A ·

2024

# Rapport ta' Ħidma Kunsill Lokali Tarxien



Kunsill Lokali Tarxien

AGM 12.01.2025

## Kontenut

Rapport ta' Ħidma Kunsill Lokali Tarxien - Sena 2024 .................... 2
Proġetti mwettqa matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024 .................... 2
Applikazzjonijiet għal Skemi u Fondi għall-Komunità .................... 3
Ħidma Kontinwa mal-Infrastruttura Malta .................... 3
Konsultazzjonijiet dwar Immaniġġjar tat-Traffiku .................... 4
Attivitajiet Organizzati matul is-Sena 2024 .................... 4
Titjib fl-Aċċessibilità tal-Vettura tas-Shuttle Service .................... 4
Diskussjonijiet għal Charging Stations għal Vetturi Elettriċi .................... 5
Taħriġ, Edukazzjoni u Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ .................... 5
Komunikazzjoni mar-Residenti .................... 6
Pjanijiet u Inizjattivi għas-sena 2025 .................... 6
Proġett Sottomess taħt il-Fond "Vjal Kulħadd" .................... 7
Pjazzetta biswit it-Tempji Neolitiċi .................... 7
Riżorsi Umani .................... 8
Rinovar tal-Uffiċċju Amministrattiv .................... 9
Riżorsi Finanzjarji .................... 9
Riżervi Finanzjarji .................... 10
Baġit għas-Sena 2025 .................... 10
Spejjeż tal-Operat għas-Sena 2025 .................... 11

# Rapport ta' Ħidma Kunsill Lokali Tarxien - Sena 2024

Matul is-sena 2024, il-Kunsill Lokali iltaqa' darba fix-xahar, hekk kif rikjest bil-liġi. Il-Kunsill dejjem żamm il-kworum meħtieġ f'kull laqgħa li ssejħet.

Fi Lulju 2024, beda jopera l-Kunsill il-ġdid wara l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru f'Ġunju 2024. Il-Kunsill jieħu l-opportunità sabiex jirringrazzja lis-Sur Thomas Debattista, is-Sur Ismael Dalli, u s-Sur Chris Pace għall-kontribut siewi tagħhom matul is-servizz tagħhom fil-Kunsill Lokali.

Fl-istess waqt, il-Kunsill jilqa' bil-ferħ lill-Kunsilliera ġodda li ngħaqdu mal-amministrazzjoni:

- **Sur Dasier Damato**
- **Sa. Nicole Farrugia**
- **Sur Glenn Urry**

Dawn il-Kunsilliera ngħaqdu mas-Sindku, is-Sa. Darlene Vella (Viċi Sindku), is-Sa. Anabelle Marmara, u s-Sur Neil Portelli. Il-Kunsill jawgura ħidma tajba u produttiva lil dan it-tim il-ġdid, filwaqt li jintrabat li jkompli jaħdem b'rieda soda għall-ġid tal-komunità lokali.

## Proġetti mwettqa matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024

Matul l-ewwel nofs tas-sena 2024, taħt it-tmexxija tal-leġislatura preċedenti, ġew konklużi diversi proġetti infrastrutturali li taw spinta lill-kwalità tal-ħajja fil-lokalità. Fost dawn il-proġetti nistgħu nsemmu:

- **Ir-riġenerazzjoni tal-Ġnien Joanne** – li ġie rinnovant b'mod li joffri aktar valur lill-komunità.
- **Ir-riġenerazzjoni tal-Ġnien Veliko Turnovo** – li issa huwa spazju miftuħ aktar aċċessibbli u modernizzat.
- **Ir-rinnovar tal-grawnd Mark Farrugia** – fejn sar xogħol biex itejjeb il-faċilitajiet sportivi disponibbli.

Barra minn hekk, ġew implimentati diversi inizjattivi oħra għat-tisbieħ tal-lokalità, inkluż:

- **It-tisbieħ ta' Ġnien Ovindoli**, fejn saru xogħlijiet biex itejbu l-esperjenza ta' dawk li jżuru dan l-ispazju.
- **Tindif frekwenti ta' Misraħ Bulben**, sabiex iżżomm il-misraħ f'kundizzjoni tajba u attraenti.

Dawn il-proġetti juru l-impenn tal-Kunsill lejn il-ħarsien u t-titjib tal-infrastruttura lokali, filwaqt li joħolqu ambjent aktar nadif u pjaċevoli għar-residenti.

## Applikazzjonijiet għal Skemi u Fondi għall-Komunità

Il-Kunsill għaraf l-importanza li japplika għal skemi u fondi biex jimplimenta proġetti li jtejbu l-komunità lokali. Fost dawn l-applikazzjonijiet, nistgħu nsemmu:

- **Sistemi ta' sorveljanza f'Ġnien Joanne u Ġnien Veliko Turnovo** – b'għan ċar li tiżdied is-sigurtà u l-protezzjoni taż-żoni pubbliċi.
- **Skema għall-Attivitajiet Kulturali**, iffinanzjata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali – permezz ta' din l-iskema, il-Kunsill kiseb fondi li, flimkien ma' kontribuzzjoni ta' €12,500 mill-Kunsill Reġjonali Port, ippermettew l-organizzazzjoni tal-attività **Festa Ħelu**, li kienet suċċess kbir u apprezzata mill-komunità.
- **Riġenerazzjoni ta' Ġnien Penza** – Il-Kunsill kiseb fondi ta' €40,000 sabiex jinbeda proċess ta' rinnovazzjoni ta' dan l-ispazju miftuħ. L-iskop ewlieni huwa li jiġi trasformat f'żona ta' rilassament u rikreazzjoni li tikkumplimenta ż-żona storika tat-tempji Neolitiċi.
- **Tiswija tal-bankini minn Triq Tarxien** – Permezz tal-iskema tal-fondi mill-Aġenzija LESA, il-Kunsill kiseb fond ta' €80,000 biex jiġu rranġati l-bankini kollha fid-daħla ewlenija tal-lokal.
- **Proġett tal-bankini madwar Ġnien Joanne** – Il-Kunsill applika għall-fondi tal-Public Works u kiseb aktar minn €175,000 biex isir xogħol estensiv fuq il-bankini madwar Ġnien Joanne u t-toroq li jdawruh.
- **Dwal bis-sistema solari f'Ġnien Joanne** – Il-Kunsill se jibbenefika minn skema oħra tal-Public Works biex jiġu installati arbli tad-dawl li jaħdmu bis-solar fil-parti ta' fuq ta' Ġnien Joanne, filwaqt li jippromwovi s-sostenibbiltà.
- **Restawr ta' postijiet storiċi** – F'dan il-qasam, il-Kunsill applika għal diversi skemi ta' fondi li jiffukaw fuq il-konservazzjoni tal-wirt storiku. Għadu kemm tlesta r-restawr fuq il-Kappella ta' San Ġużepp, u fil-futur qarib se jibda r-restawr tal-ħajt kollu ta' barra taċ-Ċimiterju tal-Erwieħ.

## Ħidma Kontinwa mal-Infrastruttura Malta

- Il-Kunsill kompla jikkoopera b'mod effettiv ma' Infrastruttura Malta biex itejjeb l-infrastruttura tal-lokal. Matul din is-sena, saru mhux inqas minn **22 triq ġdida**, li jirriflettu l-impenn lejn żoni residenzjali aktar aċċessibbli u sikuri.
- Barra minn hekk, ġie konkluż proġett ta' importanza kbira għar-residenti kollha ta' Tarxien – **ir-rinovazzjoni tal-Pjazza ewlenija**. Dan l-ispazju miftuħ se jiġi rriġenerat u mogħti lura lir-residenti bħala ċentru komunitarju aktar modern u attraenti. Permezz ta' ftehim ma' Infrastruttura Malta, dan il-proġett ġie kompletament iffinanzjat mill-Aġenzija.
- Is-sejħa għall-offerti maħruġa minn Infrastruttura Malta ta' dan il-proġett ġiet ippubblikata u hija skedata biex tagħlaq fil-**20 ta' Jannar 2025**. Għaldaqstant, huwa

mistenni li naraw il-bidu ta' xogħlijiet fuq dan il-proġett importanti fl-ewwel xhur tas-sena 2025.

## Konsultazzjonijiet dwar Immaniġjar tat-Traffiku

Il-Kunsill qed ikompli jaħdem fuq konsultazzjonijiet kontinwi kemm mar-residenti kif ukoll mal-entitajiet kkonċernati sabiex jiġi indirizzat it-traffiku f'diversi żoni tal-lokal. Dawn il-konsultazzjonijiet huma mmirati biex jiġu identifikati u implimentati soluzzjonijiet effettivi għat-titjib tal-fluss tat-traffiku, kif ukoll biex tiġi żgurata s-sikurezza tat-toroq u l-aċċessibilità għar-residenti.

## Attivitajiet Organizzati matul is-Sena 2024

Matul is-sena 2024, il-Kunsill organizza numru ta' attivitajiet li kienu mmirati biex isaħħu l-ispirtu komunitarju u jippromwovu diversi aspetti kulturali, soċjali, u sportivi. Fost dawn l-attivitajiet insibu:

- **Fun Walk mar-raħal b'risq Puttinu** – attività organizzata bħala parti mill-Ġimgħa ddedikata għall-isports, bil-għan li tiġbor fondi għal kawża ġusta.
- **Tberik tal-Annimali** – attività tradizzjonali li ġġib flimkien ir-residenti u l-pet tagħhom għall-barka annwali.
- **Il-Mixgħela taċ-Ċimiterju** – att ġentili u simboliku li jfakkar lil dawk li m'għadhomx magħna.
- **Festa Ħelu** – attività popolari li ġiet organizzata bil-fondi li kiseb il-Kunsill, u kienet suċċess fost ir-residenti ta' kull età.
- **Il-Mixgħela tal-Milied** – ċerimonja tradizzjonali li timmarka l-bidu tal-istaġun tal-festi b'mod ferrieħi u festiv.
- **Il-Festin tal-Anzjani** – avveniment speċjali organizzat biex jirrikonoxxi u jiċċelebra l-kontribut tal-anzjani fil-komunità.

Dawn l-attivitajiet għenu biex isaħħu l-għaqda fost ir-residenti u żiedu l-valur kulturali u soċjali tal-komunità.

## Titjib fl-Aċċessibilità tal-Vettura tas-Shuttle Service

Il-Kunsill wettaq titjib importanti fl-**aċċessibilità tal-vettura tas-shuttle service**, b'għan li jkompli jiffaċilita l-użu tas-servizz għall-anzjani:

- **Staffa Elettronika**: Ġiet installata staffa elettronika innovattiva biex tiffaċilita **t-tlugħ u l-inżul tal-anzjani** b'mod sigur u komdu.
- **Kumdità u Sigurtà**: Dan it-titjib jassigura li l-anzjani, inklużi dawk bi sfidi ta' mobilità, jistgħu jużaw is-servizz mingħajr ebda diffikultà jew tbatija.
- **Konformità ma' Standards Moderni**: L-aġġornament tal-vettura huwa parti minn inizjattiva usa' biex il-Kunsill jiżgura li s-servizzi kollha jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

Dan it-titjib jagħmel is-shuttle service mhux biss aktar funzjonali, iżda wkoll aktar inklużiv, u jikkonferma l-impenn tal-Kunsill biex jieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-komunità anzjana.

## Diskussjonijiet għal Charging Stations għal Vetturi Elettriċi

Il-Kunsill qed jagħmel progress fl-isforzi tiegħu biex jippromwovi l-użu ta' **vetturi elettriċi** u jikkontribwixxi għal futur aktar sostenibbli:

- **Diskussjonijiet mal-Aġenzija Ikonċernata**:
  Il-Kunsill impenja ruħu f'laqgħat u konsultazzjonijiet kontinwi mal-aġenzija relevanti sabiex jiġu identifikati **żoni ta' parkeġġ adekwati** għall-installazzjoni ta' charging stations għal vetturi elettriċi.
- **Identifikazzjoni ta' Postijiet Strateġiċi**:
  L-għan huwa li jiġu magħżula postijiet faċilment aċċessibbli li jissodisfaw kemm il-ħtiġijiet tar-residenti kif ukoll dawk tal-viżitaturi, filwaqt li jiġi promoss trasport aktar nadif u ekoloġiku.
- **Kontribut għall-Iżvilupp Sostenibbli**:
  Din l-inizjattiva hija parti minn strateġija usa' tal-Gvern Ċentrali biex jappoġġja l-bidla lejn infrastruttura sostenibbli u jnaqqas l-impatt ambjentali tal-lokalità.

Permezz ta' din il-ħidma, il-Kunsill qed jagixxi bħala mexxej fl-adozzjoni ta' teknoloġiji nodfa u soluzzjonijiet innovattivi għall-benefiċċju tal-komunità kollha.

## Taħriġ, Edukazzjoni u Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ

Matul l-2024, il-Kunsill organizza u promova diversi inizjattivi mmirati lejn l-edukazzjoni, l-iżvilupp personali, u l-involviment tal-komunità, inkluż il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ.

- Lezzjonijiet mill-Lifelong Learning – lezzjonijiet edukattivi fosthom ċombini u crochet, tagħlim diġitali, u attivitajiet li jgħinu r-residenti jiksbu ħiliet ġodda jew itejbu dawk li diġà għandhom.
- Sessjonijiet ta' "Aqra Miegħi" – inizjattiva biex tinkoraġġixxi l-qari u tippromwovi l-letteratura, speċjalment fost il-familji u t-tfal żgħar.
- Taħriġ fuq First Aid u Fire Fighting – taħriġ mingħajr ħlas organizzat mill-Kunsill biex jipprovdi ħiliet bażiċi u essenzjali fir-rigward tas-sikurezza personali u l-għajnuna f'emerġenzi. Dan anki segwit minn esebizzjoni fil-pjazza mis-sezzjoni ta' Tifi ta' Nar (CPD).
- Il-Kunsill tat-Tfal – proġett ġdid li ġie mniedi din is-sena, bil-għan li jinkoraġġixxi l-involviment tat-tfal fil-proċessi demokratiċi lokali, filwaqt li jgħinhom jiżviluppaw ħiliet ta' tmexxija u jagħmlu suġġerimenti dwar il-bżonnijiet tal-komunità minn perspettiva taż-żgħażagħ. Dan huwa parti mill-proġett RIGHTS imexxi mill-Foundation for Social Wellbeing.

Dawn l-inizjattivi mhux biss isaħħu l-edukazzjoni u l-involviment, iżda wkoll jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva tal-komunità kollha kemm hi.

## Komunikazzjoni mar-Residenti

Il-Kunsill kompla jsaħħaħ il-komunikazzjoni mal-residenti fl-2024, b'għan li jiżgura trasparenza u aċċessibilità għad-dettalji u l-aggiornamenti rilevanti. Fost l-azzjonijiet li saru:

- **Aġġornamenti Kontinwi fuq Facebook** – il-Kunsill żamm lill-komunità aġġornata b'informazzjoni u noti regolari fuq il-paġna ta' Facebook, li ġiet aktar attiva u interattiva.
- **Aġġornament tal-Website** – il-website tal-Kunsill ġie aġġornat regolarment bl-**minuti tas-seduti** u **skedi tal-pagamenti**, li jfisser li r-residenti jistgħu jiksbu informazzjoni mingħajr ebda diffikultà.
- **Notice Boards madwar ir-Rahal** – ġew miżjuda **notice boards** madwar ir-raħal biex jiġu użati għal informazzjoni lokali u aġġornamenti diretti għal kulħadd.
- **Fuljett tal-Kunsill** – għall-ewwel darba, ġie ppubblikat **fuljett tal-Kunsill**, li joffri dettalji dwar l-attivitajiet u l-inizjattivi, kif ukoll tagħrif utli għall-residenti.
- **Żvilupp ta' WhatsApp Channel** – il-Kunsill ħoloq **WhatsApp channel** biex jiġi faċilitata komunikazzjoni diretta u immedjata ma' r-residenti.
- **Proġett tal-APP** – fl-2025, il-Kunsill ser jibda l-ħidma fuq **APP** li tiffaċilita r-rapportar ta' ilmenti u l-**bookjar ta' servizzi** tal-Kunsill, u tgħin biex jiġi semplifikat il-proċess ta' komunikazzjoni.

Dan il-pjan ta' komunikazzjoni kollu huwa mfassal biex jagħmel l-interazzjoni mal-Kunsill aktar faċli, aċċessibbli u trasparenti għar-residenti kollha.

## Pjanijiet u Inizjattivi għas-sena 2025

Is-sena 2025 ser tara aktar inizjattivi u attività li għandhom l-għan li jsaħħu l-komunità u jippromwovu l-involviment taż-żgħażagħ, l-anzjani u r-residenti kollha. Fost dawn il-pjanijiet:

- **Ċelebrazzjonijiet tal-Karnival** – se jinkludu l-parteċipazzjoni attiva ta' **tfal mill-iskola** u **anzjani tar-raħal**, bil-għan li jingħata spazju lil kulħadd biex jissieħeb fil-festività u jgawdi l-ispirtu tal-Karnival.
- **Bidu tas-sessjonijiet Anzjanita' Attiva** – inizjattiva ġdida li tiffoka fuq il-promozzjoni ta' attività fiżika u soċjali għal **anzjani**, biex jkomplu jagħmlu eżerċizzji li jżidu l-benesseri fiżiku u mentali tagħhom.
- **Korsijiet ta' tagħlim fuq ICT** – edukazzjoni diġitali għall-komunità, biex r-residenti jitgħallmu tekniki bażiċi fil-qasam tal-kompjuter u jiksbu ħiliet fl-ICT.
- **Pet Therapy** – program intitolat **Pet Therapy**, fejn l-interazzjoni ma' annimali se titgħallem bħala għodda għall-promozzjoni tas-saħħa mentali u fiżika.
- **Skema għall-Formatting u t-Tneħħija ta' Viruses mil-Laptops** – skema għar-**residenti** biex jingħataw taħriġ u assistenza biex isaħħu s-sigurtà tal-kompjuters tagħhom u jkomplu jagħmlu użu effettiv mill-apparat diġitali.

- **Diskussjonijiet dwar Jum Tarxien** – inizjattivi biex tinbeda **kommemorazzjoni annuali** ta' **Jum Tarxien**, fejn isiru eventi u attivitajiet li juru l-wirt storiku u kulturali tar-raħal.
- **Fondi mill-Planning Fund** – il-Kunsill kisbet fondi addizzjonali mill-Planning Fund biex jissaħħu l-inizjattivi infrastrutturali f'żoni residenzjali u pubbliċi.
- **Toodler Area fi Ġnien Joanne** – bħala parti minn dawn l-isforzi, se tiġi kompluta **toodler area** fi Ġnien Joanne, speċjalment iddedikata għal tfal żgħar, bil-għan li jiġi pprovdut spazju sigur u inklużiv għat-tfal sabiex jilagħbu.
- **Rinovazzjoni tal-Public Conveniences fi Triq it-Tempji Neolitiċi** - Bħala parti mill-pjanijiet ta' titjib tal-infrastruttura, se jibdew u jitlestew **ir-rinovazzjoni tal-public conveniences** fi **Triq it-Tempji Neolitiċi**. Dan il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet u l-aċċessibilità tal-facilitajiet pubbliċi, filwaqt li jiżgura li r-residenti u l-viżitaturi jsibu spazji komdi u nodfa. Il-kunsill huwa impenjat li joffri esperjenza komda u funzjonali għall-utenti ta' dawn il-facilitajiet.

Dan il-pjan futur juri impenn kontinwu lejn il-promozzjoni tal-għaqda, edukazzjoni, u benesseri għall-komunità kollha.

## Proġett Sottomess taħt il-Fond "Vjal Kulħadd"

Il-Kunsill sottometta proġett ambizzjuż taħt il-fond **"Vjal Kulħadd"** li jiffoka fuq ir-riġenerazzjoni ta' **Triq San Tumas**, bil-għan li din it-triq tingħata lura lir-residenti u ssir iżjed aċċessibbli u sostenibbli.

- **Titjib fl-Aċċessibilità**: Il-proġett jinkludi l-bini ta' **bankini ġodda u usa'**, li jtejbu l-moviment sigur u komdu kemm għar-residenti kif ukoll għall-viżitaturi.
- **Tħawwil ta' Siġar**: Se jinżergħu **siġar ġodda**, li mhux biss itejbu l-estetika tal-lokal iżda wkoll jgħinu fl-immaniġġjar tal-klima lokali u jżidu żoni mdawwla b'dell naturali.
- **Sigurtà Mtejba**: It-triq se tkun **aktar imdawla**, b'dawl modern u effiċjenti li jsaħħaħ is-sens ta' sigurtà għall-mixi bil-lejl jew matul il-jum.
- **Żona Aħjar għar-Residenti**: Il-proġett huwa mfassal biex joħloq ambjent aktar funzjonali u pjaċevoli għall-komunità, filwaqt li jippromwovi użu aktar sostenibbli tal-ispazji urbani.

## Pjazzetta biswit it-Tempji Neolitiċi

Dan il-proġett huwa prova oħra tal-impenn tal-Kunsill biex joħloq lokalità aħjar u aktar imħadra għall-ġid tar-residenti u futur sostenibbli.

l-Kunsill Lokali qed jieħu sehem attiv fir-riġenerazzjoni ta' **Triq Tempji Neolitiċi** bħala parti mill-impenn tiegħu biex **ittejjeb il-kwalità tal-ħajja** tar-residenti, filwaqt li **tħares u tgħolli l-importanza storika** tal-post. Dan il-proġett jirrifletti l-valur tal-wirt storiku u jippermetti li l-komunità tibbenefika minn spazji aċċessibbli u moderni mingħajr ma jintemmu l-valuri storici u arkeoloġiċi.

Il-proġett jinvolvi:

- **Riġenerazzjoni tal-infrastruttura**: B'attenzjoni għall-patrimonju storiku, iżda bl-għan li jiġi modernizzat u rinnovat l-ambjent u l-infrastruttura tal-lokal.
- **Żieda ta' aċċessibilità**: Iż-żona se tkun aktar aċċessibbli għall-pubbliku, inkluża t-triq u l-viżibilità tal- tempji u l-wirt arkeoloġiku.
- **Tisħiħ tal-wirt storiku**: Il-proġett se jżomm l-aspetti tal-wirt storiku, u jippermetti l-kultura u l-istorja tal-lokal jgħixu f'armonija mal-modernizzazzjoni.

Dan il-proġett huwa eżempju ta' kif il-Kunsill qed jintegra l-**preservazzjoni tal-wirt** mal-iżvilupp u t-tiġdid tal-komunità.

## Riżorsi Umani

Il-Kunsill qed jopera b'mod effiċjenti, bi spejjeż amministrattivi baxxi, filwaqt li jkompli jipprovdi **servizz ta' kwalità għolja** lir-residenti. Minkejja r-riżorsi limitati, il-Kunsill qed iżomm struttura organizzattiva li tiffoka fuq l-ottimizzazzjoni tal-operazzjonijiet u t-twassil tas-servizzi.

- **Ħaddiema Preżenti**
  - Żewġ ħaddiema **klerikali** fl-inqas skala (Skala 16).
  - Benefiċċju minn skemi **RSSL** u **CSWF**, li jipprovdu:
    - **Front office**
    - **Xufiera bil-van tal-komunità.**
    - Madwar **ħdax-il ħaddiem manwali** li jagħmlu xogħol essenzjali fuq barra.
  - **Deputat Segretarju Eżekuttiv**

- **Postijiet Vakanti**
  - **Assistent Prinċipal** (Skala 11): post miftuħ biex jissaħħaħ it-tmexxija amministrattiva tal-Kunsill.
  - **Ground Supervisor** (Skala 17): meħtieġ biex **jiftaħ u jopera l-ground 5-a-side**, li se jintuża mir-residenti, għaqdiet, u tfal.

- **Sfidi u Żidiet Futuri**
  - **Spejjeż amministrattivi attwali** ma jirriflettux is-sitwazzjoni li l-Kunsill ser jiffaċċja fil-futur, speċjalment minħabba:

- **Żidiet fis-salarji** tal-ħaddiema klerikali wara l-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv ġdid għall-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali.Dan il-ftehim huwa mistenni li jiġi ffirmat fl-ewwel ġimgħat tal-2025, u se jżid ir-responsabbiltajiet finanzjarji tal-Kunsill.
- **Ristrutturar fl-amministrazzjoni**
- **Segretarju Eżekuttiv full time.**

Il-Kunsill qed iżomm bilanċ delikat bejn it-tnaqqis fl-ispejjeż amministrattivi u l-bżonn li jkompli jipprovdi servizzi effiċjenti u sostenibbli lir-residenti, filwaqt li jipprepara għal sfidi futuri relatati mar-riżorsi umani.

## Rinovar tal-Uffiċċju Amministrattiv

Il-Kunsill qed jaħseb biex iwettaq rinovar estensiv tal-**uffiċċju amministrattiv**, bil-għan li jipprovdi ambjent tax-xogħol modern, effiċjenti u aċċessibbli kemm għall-impjegati kif ukoll għar-residenti.

- **Teknoloġija Moderna**: L-uffiċċju ġie mgħammar b'teknoloġija avvanzata li tgħin biex il-proċessi amministrattivi jsiru aktar effiċjenti u biex titjieb il-komunikazzjoni internament u mal-komunità.
- **Aċċessibilità Għal Kulħadd**: Il-bini amministrattiv issa huwa aktar aċċessibbli, b'faċilitajiet imtejba għall-persuni b'diżabilità, li jinkludu ramps, sinjali viżibbli, u tagħmir speċifiku fejn meħtieġ.
- **Ambjent Tax-Xogħol Modern**: It-titjib fl-uffiċċju joħloq spazju aktar funzjonali u komdu għall-impjegati, u b'hekk jippermetti produttività akbar u servizz aħjar lir-residenti.

Dan ir-rinovar huwa parti mill-viżjoni tal-Kunsill li joħloq ambjent sostenibbli u teknoloġikament avvanzat għall-amministrazzjoni u għall-komunità.

## Riżorsi Finanzjarji

Il-Kunsill Lokali jinsab f'pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha, li hija frott ta' **operat effiċjenti** u l-ħila li jippjana u jipprijoritizza b'mod effettiv.

- **Surplus tas-Sena 2023**:
  Minkejja l-isfidi finanzjarji, is-sena finanzjarja 2023 ġiet magħluqa b'**surplus ta' €9,558**, anke wara li tħallsu **l-ispejjeż pendenti kollha relatati mal-ġbir tal-iskart u t-tipping fees** tal-iskart imħallat. Il-Kunsill irnexxielu wkoll **jħallas lir-Reġjun il-kontijiet kollha pendenti**.
- **Riżultati għas-Sena 2024**:
  Sa **tmiem it-tielet kwart tal-2024**, il-Kunsill kien qed jopera b'**surplus sostanzjali ta' €75,325**. Ix-xogħol biex jiġi konkluż ir-rapport finanzjarju finali għas-sena 2024 qed jitwettaq mis-Segretarju Eżekuttiv u l-accountant tal-Kunsill, u l-previżjonijiet juru li s-sena finanzjarja **2024 mistennija tagħlaq b' surplus ukoll**.

- **Sfidi Prinċipali:**
  Waħda mill-isfidi l-kbar tal-Kunsill tibqa' tkun **l-ispejjeż relatati mal-ġbir tal-iskart u t-tipping fees**. Minkejja dawn id-diffikultajiet, il-Kunsill wera kapaċità biex iżomm bilanċ finanzjarju pożittiv.

B'dan il-mod ta' ġestjoni finanzjarja prudenti, il-Kunsill qed jiżgura li jkun jista' **jinvesti b'mod effettiv** fil-bżonnijiet tal-komunità filwaqt li jippreserva stabbiltà finanzjarja għal snin li ġejjin.

## Riżervi Finanzjarji

Minbarra li qed iżomm bilanċ finanzjarju pożittiv, il-Kunsill Lokali jibqa' **jgawdi minn riżervi finanzjarji sostanzjali**, li jsaħħu l-abbiltà tiegħu li jinvesti f'proġetti kapitali u jiżgura futur finanzjarju stabbli.

- **Riżervi Ġenerali:**
  Sa **tmiem it-tielet kwart tal-2024**, ir-riżervi finanzjarji tal-Kunsill ammontaw għal **€781,631**, li jipprovdu bażi soda għal aktar investimenti u għajnuna f'każ ta' emerġenzi.
- **Fondi fil-Planning Fund:**
  Il-Kunsill ġabar madwar **€800,000** fil-**Fond tal-Planning Fund**, li huma riżervati biex jiġu allokati għal **diversi proġetti kapitali**. Dawn il-proġetti jinkludu inizjattivi li jtejbu l-infrastruttura tal-lokal u li jsaħħu l-kwalità tal-ħajja għar-residenti.
- **Investiment F'Futur Sostenibbli:**
  Il-Kunsill huwa mpenjat li juża dawn ir-riżervi b'mod strateġiku, bil-għan li jimplimenta proġetti li għandhom impatt pożittiv u fit-tul għall-komunità, filwaqt li jżomm il-bilanċ finanzjarju.

L-immaniġġjar responsabbli tar-riżorsi finanzjarji tibqa' l-prijorità ewlenija tal-Kunsill, sabiex ikun jista' jkompli jipprovdi servizzi eċċellenti u jippjana għall-iżvilupp sostenibbli tal-lokalità.

## Baġit għas-Sena 2025

Għas-sena 2025, il-Kunsill Lokali għandu baġit imfassal fuq dħul finanzjarju minn diversi sorsi, b'allokazzjoni totali ta' **€676,402**.

- **Allokazzjoni Finanzjarja mill-Gvern Ċentrali:**
  Il-Kunsill ser jirċievi **€620,328** bħala allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali, li tikkostitwixxi l-akbar parti mid-dħul.
- **Dħul Minn Permessi:**
  **€51,032** mistennija jiġu ġġenerati minn dħul relatat mal-permessi, inklużi dawk għall-iżvilupp u l-użu ta' infrastruttura lokali.
- **Dħul Minn Ħlasijiet ta' Kontravenzjonijiet:**
  Il-ħlasijiet minn kontravenzjonijiet huma stmati għal **€5,042**, li jkomplu jsaħħu d-dħul tal-Kunsill.

- **Dħul Globali**:
  L-istima globali tad-dħul finanzjarju għal din is-sena tlaħħaq **€676,402**, li se tkun allokata għall-ħtiġijiet tal-lokalità, proġetti u servizzi għar-residenti.

## Spejjeż tal-Operat għas-Sena 2025

Il-Kunsill Lokali jistima li l-ispiża totali għall-operat għall-2025 ser tkun **€233,875**. Dan l-ammont jinkludi l-ispejjeż assoċjati ma' diversi attivitajiet u servizzi li se jiġu offruti lir-residenti. L-ispejjeż huma kif ġej:

- **Żamma tal-Indafa fil-Lokal**:
  - **€93,422** għal servizzi relatati mal-indafa u l-ħasil tal-lokal, li huwa l-akbar fil-kategorija tal-operat.
- **Attivitajiet tal-Komunità**:
  - **€50,000** alokati għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet għall-komunità.
- **Spejjeż tal-Infrastruttura Pubblika**:
  - **€20,000** allokati għall-ispiża tad-dawl tat-toroq.
  - **€17,803** għal kontijiet tad-dawl u l-ilma fiż-żoni pubbliċi.
- **Manutenzjoni u Servizzi Oħra**:
  - **€17,470** għal manutenzjoni minuri tal-infrastruttura.
  - **€17,000** għall-ġbir ta' skart goff.
  - **€10,000** għall-**żamma tal-ġonna** u spazji miftuħa.

**Spejjeż Amministrattivi għall-Sena 2025**

Il-Kunsill Lokali jistima li l-ispejjeż amministrattivi għall-2025 se jammontaw għal **€104,771**. Dawn l-ispejjeż huma relatati prinċipalment mal-operat regolari tal-Kunsill u l-ħtiġijiet amministrattivi. Il-qasma ta' dawn l-ispejjeż hija kif ġej:

- **Renta**:
  - Spejjeż relatati mal-kirja jew devoluzzjoni.
- **Dawl u Ilma**:
  - Ħlasijiet ta' **dawl** u **ilma** għall-uffiċċji u spazji amministrattivi.
- **Spejjeż ta' Transport**:
  - Ħlasijiet għal **trasport** u spejjeż assoċjati ma' vetturi relatati mal-operat.
- **Spejjeż ta' Konsulenza u Profesjonisti**:
  - **avukati, periti, accountant, u professjonisti oħra** li l-Kunsill jista' jkollu bżonn iħallas għalihom minn żmien għal żmien.

Il-Kunsill Lokali jistima li l-ispiża totali għall-2025, b'għadd ta' spejjeż amministrattivi u operattivi, ser twassal għal **surplus ta' €36,801** fi tmiem is-sena. Dan il-surplus juri li l-Kunsill qed jaġixxi b' **effiċjenza fl-immaniġġjar tal-fondi pubbliċi**, u li l-prijoritizzazzjoni tal-ispejjeż qed iġġib riżultati pożittivi.

Bħala partijiet tal-proċess ta' monitoraġġ, dan il-surplus jagħti lill-Kunsill il-flessibbiltà biex jagħmel reviżjoni tal-baġit matul is-sena, jekk ikun hemm nuqqas ta' fondi jew opportunitajiet oħra għall-iżvilupp. L-immaniġjar ta' dan il-budgit tapplika għall-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali, servizzi għall-komunità, u l-ħtiġijiet amministrattivi.

Dan iwassal għal proċess trasparenti, li jwassal għal iktar opportunitajiet għall-konsultazzjoni u titjib kontinwu tas-servizzi lill-residenti.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**